ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tat-Tmexxija tal-Kurrikulu
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

**L-Eżamijiet Annwali tal-Iskejjel Primarji 2015**

**IL-ĦAMES SENA** **IR-RELIĠJON** **IL-ĦIN: Siegħa u kwart**

L-Isem: ______________________ Il-Klassi: ______________

**Din il-karta tal-eżami fiha ĦAMES taqsimiet.**

**Aqra sewwa l-istruzzjonijiet fit-titli ta' kull eżerċizzju.**

**Wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA.**

---

**Għall-użu tal-għalliema**

| Taqsima A | Taqsima B | Taqsima C | Taqsima D | Taqsima E | Total |
|---|---|---|---|---|---|
| 22 | 22 | 16 | 23 | 17 | 100 |
| | | | | | |

**TAQSIMA A** **(22 marka)**

**IĊ-ĊIRKU TA' ĠEWWA**

**Agħmel sinjal taħt it-tweġiba t-tajba. L-ewwel waħda hija eżempju.** *(5 marki)*

1. Min isib ħabib ta' veru jkun sab (<u>teżor</u>, kaxxa, fjura).
2. Ġesù kellu ħafna ħbieb iżda (tlieta, erbgħa, ħamsa) minnhom kienu speċjali.
3. Wieħed mill-ħbieb speċjali ta' Ġesù kien jismu (Bartilmew, Filippu, Ġwanni).
4. (Pietru, Tumas, Ġuda) ċaħad lil Ġesù tliet darbiet.
5. Fost l-appostli li Ġesù ħa fil-Ġnien taż-Żebbuġ biex jitolbu miegħu kien hemm (Mattew, Indrì, Ġakbu).
6. Fuq is-salib, Ġesù qal lil (Pietru, Ġakbu, Ġwanni) biex jieħu ħsieb ta' ommu Marija.



**Imla l-vojt billi tkompli l-kelma. L-ewwel ittra qiegħda tingħata.**
**L-ewwel waħda hija eżempju.** *(10 marki)*

7. Ġesù kien iħobb jgħallem permezz tal-**p**<u>arabboli</u>.
8. F'waħda mill-parabboli Ġesù jxebbah lil Alla ma' **s**_______________ ta' għalqa.
9. Din il-parabbola turi l-**ħ**________________ kbira ta' Alla.
10. Ġesù kellu **k**_________________ kbir meta ħasel saqajn l-appostlu li kellu jittradieh.
11. Irċevejna għall-ewwel darba l-qawwa tal-Ispirtu s-Santu fil-**M**_________________ .
12. Bħal Ġesù, Pawlu Miki u sħabu ħadu l-mewt tas-**s**_________________.



**Wieġeb il-mistoqsijiet.**

**Wara li Ġesù tela' s-sema, l-appostli għaddew minn żmien diffiċli. Iżda minflok infirdu, bl-għajnuna u bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu, l-appostli ngħaqdu aktar flimkien u l-ħbiberija tagħhom kibret.**

13. (a) F'liema festa nfakkru l-ġrajja murija f'din l-istampa?



_________________________________ *(marka)*

(b) Irrakkonta x'ġara dakinhar.

_________________________________________

_________________________________________

_________________________________________

_________________________________________

_________________________________________ *(2 marki)*

14. Semmi **żewġ** okkażjonijiet meta neħtieġu l-għajnuna tal-Ispirtu s-Santu.

(i) _________________________________________ *(marka)*

(ii) _________________________________________ *(marka)*

15. Semmi **żewġ** modi kif inti tista' tgħin lill-ħbieb tiegħek meta jkunu għaddejjin minn żmien diffiċli.

(i) _________________________________________ *(marka)*

(ii) _________________________________________ *(marka)*

**TAQSIMA B** **(22 marka)**

**NISKOPRU L-VALURI**

**Imla l-vojt bil-kliem li hemm fil-kaxxi. L-ewwel waħda hija eżempju.** *(5 marki)*

| | | |
|---|---|---|
| Pietru | Indrì | Żakkew |
| Tumas | il-ħalliel it-tajjeb | ~~tnax-il~~ |



1. Ġesù għamel l-aħħar ikla mat-tnax-il appostlu.
2. _________________ ma riedx jemmen li Ġesù qam mill-mewt.
3. _________________ kien jiġbor it-taxxi għar-Rumani.
4. L-ewwel żewġ appostli li Ġesù għażel kienu _________________ u ħuh _________________.
5. _____________________ talab lil Ġesù biex jieħdu miegħu l-ġenna wara l-mewt.

**Imla l-vojt billi tkompli l-kelma. L-ewwel ittra qiegħda tingħata.** *(10 marki)*

6. Nirċievu lil Ġesù ġewwa fina fl-**E**_________________ .
7. Bħala tifel, Ġesù kien imur jitgħallem fis-**s**_________________.
8. L-**a**_________________ ħallew kollox biex imorru wara Ġesù.
9. Ġesù dejjem lest li **j**_______________ lil min jagħmel il-ħażin.
10. Ġesù dam madwar **t**________________ snin jgħallem u jgħix mal-appostli.

**Wieġeb dawn il-mistoqsijiet:**

11. Xi ħbieb ta' Ġesù mhux dejjem ġabu ruħhom ta' vera ħbieb.

(a) Semmi wieħed minn dawn il-ħbieb.

_______________________________________________ *(marka)*

(b) Għid fil-qosor il-ġrajja meta l-ħabib ta' Ġesù wera li ma kienx ħabib ta' vera.

_______________________________________________

_______________________________________________ *(2 marki)*

12. Kif taħseb li ħassu Ġesù meta l-ħbieb tiegħu ma ġabux ruħhom ta' vera ħbieb?

_______________________________________________

_______________________________________________ *(2 marki)*

13. X'jgħallimna Ġesù biex nagħmlu meta l-ħbieb tagħna ma jġibux ruħhom tajjeb magħna?

_______________________________________________

_______________________________________________ *(2 marki)*



**TAQSIMA C** **(16-il marka)**

**IL-KOMUNITÀ TAGĦNA** *(6 marki)*

**Aqta' sinjal taħt it-tweġiba t-tajba.**

1. Il-bniedem huwa maħluq biex jgħix (waħdu, mal-oħrajn, fid-dar).



2. Ġesù jxebbah lilu nnifsu ma' (bennej, ragħaj, bidwi).
3. Lil (Marija, Eliżabetta, Marta) nsejħulha 'Sultana tas-sema u l-art'.
4. (L-Isqof, Il-President, Il-Papa) huwa l-mexxej tal-Knisja.
5. San Domenico Savio kien ixerred (l-għira, il-pika, il-paċi) fost sħabu.
6. (Il-ferħ, It-tbatija, L-għerf) huwa wieħed mid-doni tal-Ispirtu s-Santu.

**Qabbel kolonna A ma' kolonna B billi tikteb in-numri minn 7 sa 11 fil-kolonna l-vojta tan-nofs.** *(5 marki)*

| | Kolonna A | | Kolonna B |
|---|---|---|---|
| 7. | Il-Magħmudija | | tfakkarna li Marija twieldet bla dnub tan-nisel. |
| 8. | Id-doni tal-Ispirtu s-Santu | | huwa talba speċjali lill-Madonna. |
| 9. | L-Immakulata Kunċizzjoni | | bir-ruħ u bil-ġisem. |
| 10. | Ir-Rużarju | | tagħmilna membri tal-familja t'Alla. |
| 11. | Marija ġiet imtellgħa s-sema | | huma għajnuna biex ngħixu ħajja tajba. |

**Wieġeb il-mistoqsijiet.**

**Għalkemm Marija kienet omm Ġesù, xorta għaddiet minn mumenti ta' tbatija.**

12. Semmi **waħda** mit-tbatijiet ta' Marija.

____________________________________________________________*(marka)*

13. Ikteb x'tista' tagħmel inti biex ma ġġibx tbatija lill-oħrajn:

(a) fl-iskola

_______________________________________________________________

_______________________________________________________*(2 marki)*

(b) fid-dar

_______________________________________________________________

_______________________________________________________*(2 marki)*

**TAQSIMA D** **(23 marka)**

**AGĦTI U JINGĦATALEK**

**Imla l-vojt billi tkompli l-kelma. L-ewwel ittra qiegħda tingħata.** *(8 marki)*



1. San **L**________________ kiteb il-ktieb tal-Atti tal-Appostli.
2. Id-doni tal-Ispirtu s-Santu huma **s**_______________.
3. Il-**k**________________ jgħallmuna fuq Ġesù fiċ-ċentri tat-tagħlim Nisrani.
4. Mahatma Gandhi kien jemmen fil-**p**___________ u ħadem ħafna għal pajjiżu.

**Aqra u wieġeb.**

5. **It-tobba, in-nanniet, is-saċerdoti u z-zijiet** huma wħud mill-persuni li jgħinuna fil-ħajja tagħna. Agħżel **waħda** minn dawn il-persuni u ikteb **żewġ** modi kif għenuk jew jgħinuk fil-ħajja tiegħek.

i. ______________________________________________

______________________________________________ *(2 marki)*

ii. ______________________________________________

______________________________________________ *(2 marki)*

L-ewwel membri tal-Knisja kienu jgħixu f'għaqda ma' xulxin u kienu jaqsmu kollox bejniethom.

6. Agħti **żewġ eżempji** kif l-Insara tal-lum jistgħu jixbhu l-ewwel Insara.

______________________________________________

______________________________________________ *(2 marki)*

7. Il-Madonna ħalliet il-kumdità ta' darha biex tmur tgħin lil Eliżabetta.

(a) Għaliex Marija marret tgħin lil Eliżabetta?



______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________ *(2 marki)*

(b) X'tgħallimt minn din il-ġrajja?

______________________________________________

______________________________________________ *(2 marki)*

8. **Jane kisret idha u għalhekk ma tistax tikteb u tilgħab magħkom fil-brejk.**

(a) X'tista' tagħmel int biex tgħin lil Jane?

______________________________________________________________

______________________________________________________________*(2 marki)*

(b) Għalhekk, jien irrid nifhem li________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________ *(3 marki)*

**TAQSIMA E** **(17-il marka)**

**IT-TALB BĦALA TIFĦIR LIL ALLA**

**Qabbel kolonna A ma' kolonna B billi tikteb in-numri minn 1 sa 6 fil-kolonna vojta tan-nofs.** *(6 marki)*

| | **Kolonna A** | | **Kolonna B** |
|---|---|---|---|
| 1. | Fit-talb | | huwa s-Sid tal-ħolqien kollu. |
| 2. | Fil-Qrar | | insiru Nsara adulti. |
| 3. | Fit-Tqarbin | | jinħafrulna dnubietna. |
| 4. | Is-sagramenti | | nirċievu lil Ġesù fina. |
| 5. | Fil-Griżma tal-Isqof | | nikkomunikaw ma' Alla. |
| 6. | Alla | | jressquna lejn Alla u lejn l-oħrajn. |

**Wieġeb dawn il-mistoqsijiet.**

7. Ġesù kien jitlob ukoll. Semmi mument meta Ġesù talab.

_______________________________________________________________ *(marka)*

8. Liema hija l-akbar talba għalina l-Insara?

_______________________________________________________________ *(marka)*

9. Lil min kien jitlob Ġesù?

_______________________________________________________________ *(marka)*

10. Liema talba għallimna Ġesù?

_______________________________________________________________ *(marka)*

**Dan l-aħħar in-nannu ta' Jake kien jinsab marid ħafna u l-kappillan għamillu l-Griżma tal-Morda.**

11. Għaliex taħseb li l-kappillan għamillu l-Griżma tal-Morda?

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________ *(2 marki)*

12. X'tista' tagħmel inti biex tgħin lin-nannu ta' Jake?

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________ *(2 marki)*

13. Għalhekk irrid nifhem li ________________________________________

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________ *(3 marki)*

**TMIEM IL-KARTA**